MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 150/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Isabelle Caruana abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Isabelle Caruana (67276(M))**

**vs**

**Tessie Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltija u tlett centezmi (Lm1321.03) rapprezentanti d-danni kollha sofferti**

**mill-attrici Isabelle Caruana assigurata tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' elf mija u wiehed u sebghin Lira Maltija u tlett centezmu (Lm1170.03), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' mija u hamsin Lira Maltija (Lm150.00) l-istess Isabelle Caruana in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' April, 2004 ghall-habta tat-8:10a.m. gewwa Triq F.M. Ferretti, B'Bugia, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attrici Isabelle Caruana, bin-numru ta' registrazzjoni KAI 004 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 574, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici GasanMamo Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-15 ta' Frar, 2005 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi r-responsabilita` ghal dan l-incident ghandha tigi akkolta nofs bin-nofs (50/50) bejn is-sewwieqa u dana ghar-ragunijiet li sejrin jinghataw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Warden 294 Simon Debono, Keith Aquilina, Isabelle Caruana u Tessie Abela. Ra l-verbal tas-27 ta' Mejju, 2005 li fih gie dikjarat li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-4 ta' Jannar, 2004, fi Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia, bejn il-**

**vettura KAI-004 misjuqa minn Keith Aquilina u l-vettura ABJ-574 misjuqa mill-konvenuta.**

**2. Aquilina kien niezel Triq Ferretti fid-direzzjoni ta' Birzebbugia, meta ra l-vettura l-ohra gejja b'velocita`. Aquilina naqqas fil-velocita` u ghadda mal-genb kemm seta' pero` kien hemm vetturi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Tant ghadda nkaxxat man-naha tieghu li hakk il-mera tax-xellug ma' karozza pparkjata.**

**3. Il-punt fejn sehh l-impatt hu mmarkat b'"x" fir-ritratt a fol.17, u dana kif indikat minn Aquilina, liema punt ma jidhirx fl-iskizz tal-warden.**

**4. Isabelle Caruana li kienet ma' Aquilina, tikkonferma li raw karozza hierga mill-genb minn fuq il-lemin u kisret ghal got-triq minn fejn kienu ghaddejjin huma. Tikkonferma li Aquilina naqqas fil-velocita`, pero` il-vettura l-ohra baqghet diehla.**

**5. Il-konvenuta tghid li kienet tiela' fit-triq liema triq hi twila u tidjieq fid-direzzjoni il fejn kienet sejra. Hi qalet li minhabba l-liwja hi ma tkunx tista' tarah niezel, pero` tahseb li hu jkun jista' jaraha. Peress li kien hemm l-karozzi parkeggajati hi tghid li harget kemm kemm biex tara li mhu gej xejn. Il-konvenuta tghid li rat il-karrozza niezla, u kienet tul ta' xi karozza il-boghod minnha u qabel ma setghetx taraha. Il-konvenuta tghid li ghafset il-brake u waqfet filwaqt li hu baqa' niezel.**

**6. Mix-xhieda jirrizulta li l-konvenuta ma kienetx qed izzomm in-naha taghha tat-triq, filwaqt li Aquilina kien fuq ix-xellug tant li l-mera tieghu laqtet mal-karozza parkeggjata. Huwa evidenti illi l-incident sehh peress principalment li l-konvenuta ma haditx dawk il-prekawzjonijiet li kien jehtieg li tiehu fic-cirkostanzi partikolari, inkluz il-fatt li kien hemm vetturi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Ma hemmx provi konklusivi dwar li l-vetturi waqfu, anzi jidher piuttost li z-zewg vetturi baqghu mexjin. Pero` jekk wiehed jara r-ritratt a fol.17 tal-process, huwa car li l-vettura tal-konvenuta ma kienetx fil-karreggata proprja taghha, u ghalhekk din ikkontribwiet aktar ghall-incident li sehh.**

**7. It-Tribunal fic-cirkostanzi huwa tal-fehma li t-tort kien taz-zewg sewwieqa, pero` principalment kien tal-**

**konvenuta, u ghalhekk qed jattribwixxi zewg terzi tat-tort lilha ghall-akkadut.**
**8. Il-kwantum tad-danni li sofriet l-attrici ma hux kontestat, u dana jammonta ghal elf tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltija u tlett centezmi (Lm1321.03). Pero` peress li l-konvenuta ghandha taghmel tajjeb biss ghall-zewg terzi jigi li din ghandha thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tmenin lira u sitta u sittin centezmu (Lm880.66).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident de quo fi grad ta' zewg terzi u jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tletin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm730.66), u lill-attrici Isabelle Caruana l-ammont ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici GasanMamo Insurance Limited, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------